MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru. 575/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**David Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat David Borg ta' 41 sena, bin Stephen u Catherine nee` Sammut, imwieled H'Attard fis-7 ta' Frar 1972, residenti gewwa Vassallo Buildings, Flat 2, Triq San Pawl, l-Imgarr (Malta) u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0106372M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-10 ta' Novembru 2013 u fis-sena ta' qabel din id-data:

1. Produca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer, fl-10 ta' Novembru 2013:

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Zamm ghandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu armi tan-nar, jew munizzjon minghajr licenzja taht l-Att Dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer, nhar id-19 ta' Dicembru 2008:

5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fl-ewwel udjenza tal-11 ta' Novembru 2013, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fil-5 ta' Mejju 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa fil-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba fil-konfront tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-10 ta' Novembru 2013[1]. Qieset ukoll li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Il-Qorti qieset illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal *inter alia* illi gieli kien hemm nies li jafhom li kienu jmorru gewwa l-garaxx tieghu u waqt li jkunu qed jghidu kelma huwa joffrilhom jew huma jitolbuh xi bicca blokka (b'referenza ghall-*cannabis*) u gieli jpejjpuha mieghu u gieli jehduha maghhom. Huwa stqarr ukoll illi dan sehh fl-ahhar sena[2], grat hafna drabi u ma kienx jiftakar ezattament kemm il-darba grat. L-imputat stqarr ukoll illi huwa jpejjep il-*cannabis*, ipejjep bicca kuljum zgur u li jpejjep hafna *cannabis.* Rigward il-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu, huwa qal illi huwa kien xtraha ghall-uzu tieghu xi sitt xhur qabel, izda baqa' ma kkunsmahiex ghaliex ma thajjrux.[3] Il-Qorti qieset ukoll illi dwar l-imputazzjoni ta' traffikar, l-Ufficjal Investigatur xehed illi din l-imputazzjoni hija msejjsa fuq l-istqarrija tal-imputat u li dan kien kaz ta' traffikar "*ridottissimu*"[4]. B'dan il-Qorti qeghda tifhem, mill-bqija tal-provi, illi l-imputat mhuwiex qed jigi kkunsidrat bhala xi traffikant 'kbir', izda gie addebidat bl-imputazzjoni ta' traffikar u pussess aggravat, ghaliex huwa stqarr illi kien hemm hafna drabi fejn huwa ta r-raza tal-*cannabis* lil xi nies li kien jafhom jew hbieb tieghu u dan billi jew pejjpu l-istess raza flimkien jew inkella haduha maghhom, kif inghad izjed 'il fuq.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, Marilyn Formosa[5], mil-liema rapport jirrizulta *inter alia* illi l-imputat kien jabbuza sostanzjalment mir-raza tal-*cannabis*, tant li stqarr mal-istess Ufficjal tal-*Probation* illi huwa gieli kien ipejjep anke hamsa u ghoxrin *joint* kuljum u ddeskriva l-*cannabis* bhala s-sigarett tieghu, ghaliex ghalkemm huwa

[1] A fol. 8 sa 10 tal-process.
[2] A fol. 9 tal-process.
[3] A fol. 10 tal-process.
[4] A fol. 79 tal-process.
[5] A fol. 83 *et seq* tal-process.

ma kienx ipejjep sigaretti normali, huwa kien ipejjep kwantita` kbira ta' *joints* kuljum. L-imputat qal illi huwa kien ilu jaghmel uzu minn din is-sustanza ghal izjed minn ghoxrin sena. Qal ukoll illi wahda mill-blokok li nstabet fil-pussess tieghu kienet ta' kwalita` inferjuri u ghaldaqstant kien warrabha, xtara blokka ohra u beda juza lilha. Spjega li huwa kien jixtri bil-kwantita` stante illi kien jaghmel uzu minn kwantita` konsiderevoli kuljum. It-tfajla tal-istess imputat qalet lill-Ufficjal tal-*Probation* illi l-imputat zied il-konsum tieghu ta' din is-sustanza f'dawn l-ahhar sitt snin. L-istess Ufficjal tal-*Probation* qalet ukoll illi l-ewwel test tal-urina li sar lill-imputat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin irrizulta pozittiv ghad-droga *cannabis*, izda sussegwentement zewg testijiet ohrajn li sarulu fl-20 ta' Novembru 2013 u fit-2 ta' Dicembru 2013 rispettivament, irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti.

Qieset ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert forensiku, ix-Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta illi fir-rigward tas-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, tmien bicciet kellhom piz ta' 108.48 grammi, b'purita` ta' 1% u sustanza ohra b'piz ta' 118.86 grammi, kellha purita` ta' bejn 1% u 1.5%. B'kollox il-piz totali tas-sustanzi, li fihom instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kien ta' 227.34 grammi.[6]

Il-Qorti kkundsidrat illi kemm minn dak suespost, kif ukoll mir-ritratti esebiti a fol. 32 sa 34 tal-process, jirrizulta car illi l-konsum tal-imputat mis-sustanza *cannabis* kien wiehed qawwi u sostanzjali. Ghalhekk ghalkemm bl-azzjoni tieghu, kif deskritta izjed il'fuq, l-imputat irrenda ruhu hati ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis*, madankollu, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammont ta' *cannabis* misjub fil-pussess tieghu, li mhuwiex ammont insinjifikanti, f'dan l-isfond ta' abbuz sostanzjali mill-istess imputat tal-istess sustanza.

Ikkunsidrat ukoll illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, Rose Sacco xehdet illi l-arma tan-nar li tidher fir-ritratt esebit a fol. 30 tal-process, kienet tan-nannu u li wara li dan miet, xi ghoxrin sena ilu, l-imputat u hi sabu din l-arma fir-raft tan-

[6] A fol. 104 sa 112 tal-process.

nannu u l-imputat iddeciedha li jzommha. Skond l-istess xhud, ma' din l-arma kien hemm ukoll xi skratac, li wkoll kienu tan-nannu u li wkoll inzammu mill-imputat. Il-Qorti qieset ukoll illi fit-trattazzjoni taghha dwar il-piena, id-difiza rreferiet ghall-Artikolu 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u stiednet lill-Qorti sabiex tapplika l-proviso ghall-Artikolu 51(2) tal-istess Kap. 480. Biss ghalkemm il-Qorti kienet certament tasal sabiex tapplika dan il-proviso u ghalhekk il-piena ridotta ndikata fl-istess proviso fir-rigward tal-arma tan-nar u l-iskratac li tirreferi ghalihom l-imsemmija Rose Sacco fix-xhieda taghha, ma jidhrilhiex li tista' taghmel l-istess fir-rigward tal-bqija tal-munizzjon misjuba fil-pussess tal-imputat. Fl-ewwel lok, huwa car fil-fehma tal-Qorti illi din ix-xhud kienet qeghda tirreferi b'mod specifiku ghall-arma tan-nar u l-iskratac li jidhru fir-ritratt a fol. 30 tal-process u mhux ghall-bqija tal-munizzjoni li jidher fir-ritratti a fol. 42 sa 48 tal-process. In oltre minn dawn ir-ritratti jidher car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu ammont sostanzjali ta' munizzjon u ghaldaqstant il-Qorti mhix ser tapplika l-proviso imsemmi.

Il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u dan stante illi l-Qorti qeghda tqis illi r-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. In oltre, fir-rigward tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika l-piena ta' multa u mhux ta' prigunerija u ghaldaqstant qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-multa applikabbli dwar l-ewwel, it-tielet u l-hames imputazzjoni. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, fis-sens illi mal-piena ghad-delitt l-iktar gravi (dak ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni) qeghda zzid terz tal-piena applikabbli ghar-raba' imputazzjoni.

Fir-rigward tat-talba tad-difiza illi s-somma ta' Eur 11,430 li nstabet fil-pussess tal-imputat u li giet esebita bhala Dok. HM5 tigi rilaxxjata favur l-istess imputat, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu *a tempo vergine*, l-imputat qal illi dawn il-flus kien gejjin mid-dhul tieghu bhala *sprayer* u *panel beater* u mill-bejgh ta' *sailing boat* xi sentejn qabel lil certu Karmenu

bil-prezz ta' Eur 10,000. Ikkunsidrat ukoll illi d-difiza esebiet dokument (Dok. JG1) li, ghalkemm mhux datat, jikkonsisti f'dikjarazzjoni minn certu Carmelo Vassallo dwar l-akkwist ta' dghajsa minghand l-imputat bil-prezz ta' Eur 10,000. Gew esebiti wkoll dokumenti ohrajn li juru illi d-dghajsa in kwistjoni kienet registrata fuq l-imputat f'Novembru 2006 u illi f'Novembru 2013, din kienet registrata fuq Carmelo Vassallo. Giet esebita wkoll ricevuta mahruga fuq Carmelo Vassallo dwar trasferiment tal-proprjeta` tal-istess dghajsa, liema ricevuta hija datata 20 ta' Settembru 2012. In oltre id-difiza esebiet dokumenti (Dok. JG 2) li juru illi l-imputat jaghmel xoghol ukoll bhala *driver.* Il-Qorti kkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014[7] fis-sens illi l-prosekuzzjoni ma kinitx qeghda topponi ghar-rilaxx tal-flus lill-imputat la darba jidher illi hemm ragunijiet legittimi tal-pussess ta' tali flus.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(b), 17(f) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **hmistax-il (15) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

[7] A fol. 100 tal-process.

Il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PS 826 Matthew Parnis, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, hamsa u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€225.11), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg ammontanti ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin Euro u hamsa u disghin centezmu (€27.95) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, tmienja u disghin Euro u tnax-il centezmu (€198.12), liema spejjez jammontaw ghal total ta' erba' mija, wiehed u hamsin Euro u tmintax-il centezmu (€451.18). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna r-rilaxx tas-somma ta' hdax-il elf, erba' mija u tletin Euro (€11,430), esebita bhala Dok. HM5, favur il-hati.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tal-arma tan-nar u tal-munizzjon u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikompli fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------